31998D0715

16.12.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 340/33

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-30 ta' Novembru 1998**

**li tiċċara l-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nr 2223/96 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità f' dak li għandu x' jaqsam mal-prinċipji tat-tiqjis ta' prezzijiet u volumi**

*(notifikati taħt id-dokument numru C (1998) 3685)*

**(test b' relevanza għaż-ŻEE)**

(98/715/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nr 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 fuq is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità ([1]), kif emendata skond ir-Regolament (KE) Nr 448/98 ([2]), u b' mod partikolari l-Artikolu 2(2) ta' dan,

(1) Billi huwa neċessarju li tittejjeb il-komparabbilità bejn l-Istati Membri fid-data dwar il-prodott domestiku gross (GDP) reali, kemm b' viżjoni lejn l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nr 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 biex titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċeduri tad-defiċit eċċessiv ([3]) u r-riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew fuq il-Patt ta' l-Istabbilità u t-Tkabbir (Amsterdam, 17 ta' Ġunju 1997) ([4]) u għall-għan ta' surveljanza multilaterali b' mod aktar ġenerali;

(2) Billi l-implimentazzjoni u s-superviżżjoni ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tinħtieġ informazzjoni komparabbli, aġġornata u affidabbli fuq l-istruttura u l-isvolġiment ekonomiku ta' kull Stat Membru;

(3) Billi l-Kummissjoni għandha rwol fl-amministrazzjoni ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, u b' mod partikolari, trid tirraporta lill-Kunsill dwar il-bilanċ u l-ammont ta' dejn nazzjonali fl-Istati Membri;

([1]) ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 58, tas-27.2.1998, p. 1.
([3]) ĠU L 209, tat-2.8.1997, p. 6.
([4]) ĠU L 236, tat-2.8.1997, p. 1.

(4) Billi l-kontijiet ekonomiċi f'termini reali, jiġifieri emendati biex jieħdu in konsiderazzjoni tibdil fil-prezzijiet, huma għodda fundamentali biex tiġi analizzata il-qagħda ta' l-ekonomija u l-estimi tal-pajjiż, bil-kondizzjoni li dawn jiġu miġbura fuq il-bażi ta' l-istess prinċipji li mhumiex miftuħa għal interpretazzjonijiet differenti; billi għal dan il-għan ir-rikomandazzjonijiet għall-kalkoli tad-data fuq prezzijiet fissi fil-kwadru tar-Regolament (KE) Nr 2223/96 għandhom jiġu iffandati u issodati;

(5) Billi l-Kummissjoni għandha tuża kontijiet nazzjonali globali f'termini reali għall-għan tal-politika tal-Komunità u, b'mod partikolari, għas-superviżjoni tal-patt għall-istabbilità u t-tkabbir;

(6) Billi biex tivvalwa l-gravità tar-reċessjoni ekonomika ta' l-Istati Membri trid ġeneralment tieħu bħala referenza kwalunkwe tnaqqis annwali fil-GDP reali ta' mill-inqas 0,75 %; billi huwa biss meqjus eċċezzjonali li jinqabeż il-valur ta' riferiment wara reċessjoni ekonomika gravi jekk il-GDP f'termini reali jimmarka tnaqqis annwali ta' inqas minn 2 %;

(7) Billi r-riżultati tal-kontijiet f'termini reali tal-Membri Stati kollha miġbura skond il-proċeduri introdotti b' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni f'dati speċifiċi, b' mod partikolari rigward is-superviżjoni tal-konverġenza ekonomika u monetarja;

(8) Billi l-proċeduri introdotti b' din id-Deċiżjoni huma l-ewwel passi lejn regoli ta' kontijiet komuni għall-kontijiet ta' l-Istati Membri f'termini reali għar-rekwizi tal-Komunità, permezz ta' dan isir possibli li jiġu ottienuti riżultati li huma komparabbli bejn l-Istati Membri u li huma ta' kwalità suffiċjenti;

(9) Billi r-riżultati tal-kontijiet f'termini reali għar-rekwizi tal-Komunità għandhom ikunu suġġett ta' trattament statistiku jew ta' komunikazzjoni għall-Kummissjoni fid-dati stabbiliti bir-Regolament (KE) Nr 2223/96 u bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nr 3605/93 tat-22 ta' Novembru 1993 fuq l-applikazzjoni tal-Protokoll fuq il-proċeduri tad-defiċit eċċessiv ([1]);

(10) Billi, madankollu, minħabba l-importanza tal-kontijiet in kwistjoni u l-importanza tad-dettall, kif ukoll il-qagħda dwar l-istatistiċi ta' l-Istati Membri, iżjed żmien li fih iridu jiġu introdotti dawn il-proċeduri għandu jiġi kon-ċess b' eċċezzjonijiet jew temporanjament lil l-Istati Membri li, imparzjalment, ma jkunux ser ikunu f'pożiz-zjoni li jkunu konformi ma' din id-Deċiżjoni meta r-Regolament (KE) Nr 2223/96 jiġi implimentat;

(11) Billi l-miżuri ipprovduti f'din id-deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku tal-Komunità Ewropea (SPC), stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([2]), u l-Kumitat ta' l-Istatistiċi Monetarji, Finanzjarji u ta' Ħlas (CMFB), stabbiliti bid-Deċiżjoni 91/115/KEE ([3]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Għan**

L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li jiġu ċċarati l-prinċipji għat-tiqjis ta' prezzijiet u volumi li jinsabu f'Kapitolu 10 ta' l-Anness A tar-Regolament (KE) Nr 2223/96, b'konsiderazzjoni lejn il-bżonn li jiġu armonizzati l-miżuri ta' prezzijiet u volumi.

Il-kjarifikazzjonijiet mogħtija f'din id-Deċiżjoni, għandhom jintużaw għat-trażmissjoni tad-*data* lil l-Eurostat mill-ewwel traż-missjoni tad-*data* konformi mar-Regolament (KE) Nr 2223/96 'il quddiem, għall-inqas għad-*data* li tirreferi għas-snin 1995 jew wara.

*Artikolu 2*

**Il-kjarifikazzjonijiet tal-prinċipji ġenerali għat-tiqjis ta' prezzijiet u volumi**

Il-kjarifikazzjonijiet tal-prinċipji ġenerali li għandhom japplikaw fit-tiqjis ta' prezzijiet u volumi inklużi f'Kapitolu 10 ta' l-Anness A tar-Regolament (KE) Nr 2223/96, partikolarment kif jikkonċernaw il-livell elimentarju tal-globalizzazzjoni, l-għażla tal-formula ta' l-indiċi u l-ghazla tas-sena bażi, huma mniżżla f'Parti I ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni preżenti.

*Artikolu 3*

**Il-klassifikazzjoni ta' metodi skond il-prodott**

Il-klassifikazzjoni ta' metodi f'metodi aħjar għal ċerti tipi ta' prodotti, alternattivi li jistgħu jintużaw jekk l-aħjar metodi ma jistawx jiġu applikati, u metodi li m' għandhomx jiġu wżati sa mill-ewwel trażmissjoni tad-data lil l-Eurostat skond ir-Regolament (KE) Nr 2223/96 il quddiem, huma mniżżla f'Partijiet II u III ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni preżenti.

*Artikolu 4*

**Il-programm tar-riċerka**

Għal dawk il-prodotti għal-liema mhux imniżżla l-klassifikaz-zjoni ta' metodi kif iddefinita fl-Artikolu 3 fl-Anness I tad-Deċiżjoni preżenti, din il-klassifikazzjoni tiġi iddefinita b' konsi-derazzjoni lejn ir-riżultati ta' programm ta' riċerka, li għandu jitlesta sa l-aħħar tas-sena 2000, u wara deċiżjoni ta' l-SPC.

*Artikolu 5*

**Perjodi tranżitorji**

Perjodi tranżitorji għall-applikazzjoni tal-prinċipji kif iċċarati fl-Artikolu 2, huma mniżżla, għal kull Stat Membru, fl-Anness II tad-Deċiżjoni preżenti.

L-Istati Membri jistgħu jistaqsu, barra minn dan, biex jiġu mogħ-tija perjodi tranżitorji għall-applikazzjoni tal-metodi irreferuti fl-Artikolu 3, li għandhom jiġu deċiżi sa mhux aktar tard mill-aħħar tas-sena 1998.

Fil-każ ta' Stat Membru li ġie mogħti perjodu tranżitorju, u li jippreżenta għal sena partikolari tnaqqis fil-GDP f'termini reali ikkalkolati fuq il-metodi nazzjonali fil-post, l-Istat Membru għandu jagħti bl-iktar mod komplet l-għajnuna lil l-Eurostat biex tiġi ivvalutata l-iskala ta' l-effett ta' kull devjazzjoni mill-prinċipji ikkontenuti fid-Deċiżjoni preżenti.

*Artikolu 6*

**Inventarju**

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lil l-Eurostat, mill-inqas sa l-aħħar tas-sena 2000, b' inventarju komplet tal-proċeduri u statistiċi bażiċi wżati għat-tiqjis tal-GDP f'termini reali u l-kom-ponenti tiegħu. L-inventarju għandu mill-inqas jinkludi fih il-metodi wzati għall-kontijiet finali.

([1]) ĠU L 332, tal-31.12.1993, p. 7.
([2]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.
([3]) ĠU L 59, tas-6.3.1991, p. 19.

*Artikolu 7*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil l-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Novembru 1998.

*Għall-Kummissjoni*

Yves-Thibault DE SILGUY

*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS I*

PARTI I

**PRINĊIPJI ĠENERALI GĦAT-TIQJIS TA' PREZZIJIET U VOLUMI.**

I.1. **Daħla**

In-natura tal-valutazzjonijiet fuq prezzijiet fissi hija differenti minn dik ta' valutazzjonijiet fuq prezzijiet kurrenti, f'każijiet fundamentali. F'termini sempliċi, kontijiet kurrenti ta' prezzijiet jistgħu jiġu ikkunsidrati bħala l-globalizzazzjoni fi kwadru ta' kontijiet ta' operazzjonijiet li seħħew u li jistgħu jiġu murija biċ-ċar. Kontijiet ta' prezzijiet fissi madankollu jiddeskrivu l-qagħda ekonomika ta' sena partikolari fil-prezzijiet ta' sena oħra. Fir-realtà l-operazzjonijiet tas-sena kurrenti ma kienux ikunu possibbli b' manjiera identika bil-prezzijiet ta' sena oħra.

Il-valuri tat-transazzjoni għandhom jiġu analizzati f'komponenti tal-prezz u tal-volum. Fil-prinċipju, il-komponenti tal-prezz għandhom jinkludu tibdil li jirriżulta biss minn tibdil fil-prezz, filwaqt li kull tibdil ieħor għandu jiġi inkluż fil-komponent tal-volum (ESA 95, punt 10.01). Għal ħafna prodotti madankollu, mhu xejn ċar kif għandha sseħħ din l-analiżi fil-prattika (ESA 95, punt 10.06). Għaldaqstant, sett ta' regoli għat-tiqjis ta' prezzijiet u volumi għandhom jiġu adottati, mil-liema regoli r-riżultati għandhom japprossimaw l-analiżi teoretika ideali bejn il-prezz/il-volum, u li għandha tapplika b' mod komparabbli fl-Istati Membri kollha.

F'din l-I Parti huma esposti l-prinċipji ġenerali ta' dan il-kwadru, fil-waqt li fit-II u fit-III Parti huma diskussi f'aktar dettall il-proċeduri ta' valutazzjoni respettivament tal-metodi ta' kif jiġu indirizzati l-produzzjoni u l-infiq.

Il-prinċipji mniżżla f'din id-deċiżjoni japplikaw għad-data annwali. Ovvjament, bħala prinċipju ta' gwida il-kontijiet ta' kull kwart tas-sena għandhom ikunu konsistenti mal-kontijiet annwali, sabiex il-kontijiet ta' kull kwart tas-sena jservu ta' previżjoni għar-riżultati definittivi b' mod l-aktar preċiż possibbli. Kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-kontijiet ta' kull kwart tas-sena bi prezzijiet fissi jiġu diskussi fil-manwal li għad irid joħroġ dwar il-kontijiet ta' kull kwart tas-sena.

Il-Kapitolu 10 ta' l-ESA 95 jesprimi biċ-ċar il-preferenza ta' sistema integrata ta' kif jiġu maħduma l-kontijiet minn kalkoli fuq prezzijiet fissi (ESA 95, punti 10.04 u 10.08). Fis-sistema ta' kif jinħadmu l-kontijiet, in-naħa tal-produzzjoni u l-infiq tal-GDP bi prezzijiet fissi tista' tiġi ibbilanċjata fuq livell ta' prodott iddettaljat billi jintużaw twavel ta' provvisti u konsum. Bl-użu ta' twavel iddettaljati dwar il-provvisti u l-konsum tiġi iggarantita l-konsistenza ta' l-indiċi. Kif ukoll, dawk il-fatturi minn sorsi differenti li jikkaġunaw id-deflazzjoni, per eżempju CPIs u PPIs miġbura separatament jistgħu jiġu ikkomparati u ikkontrollati wieħed ma' l-ieħor. F'sistema ibbażata fuq twavel ta' provvisti u konsum l-aħjar miżżewġ naħat (jiġifieri s-sistemi ta' kif jiġu ittrattati l-produzzjoni u l-infiq) jistgħu jiġu magħquda flimkien, kemm għall-prezzijiet kurrenti kif ukoll għal dawk fissi.

ESA 95, minn punti 10.12 sa 10.23, tiddefinixxi dak li għandu jiġi inkluż fil-komponent tal-prezz u dak fil-komponent tal-volum. Il-komponent tal-volum għandu jinkludi l-effetti tat-tibdil fil-kwalità tal-prodotti. Dan ifisser li l-indikaturi tal-prezz u tal-volum użati biex tiġi ikkalkolata d-data tal-kontijiet nazzjonali għandhom jiġu emendati għal dan it-tibdil fil-kwalità.

Il-konsistenza ta' l-emendi fil-kwalità li tkun saret fid-diversi indikaturi għandha tiġi immonitorjata mill-qrib. Jekk ikunu jeżistu differenzi kbar f'diversi indiċi tal-prezzijiet għall-istess prodott, dan jista' li jkun irriżulta mill-użu ta' proċeduri differenti biex tiġi emendata l-kwalità.

L-indikaturi tal-volum għandhom mill-inqas jiġu ikkalkolati b' analiżi iddettaljati suffiċjenti, sabiex jiġi ikkunsidrat it-tibdil fl-istruttura. Per eżempju n-numru ta' kilometri li jagħmlu l-passiġġiera fit-trasport tal-ferrovija għandu mill-inqas jiġi maqsum f'dawk il-passiġġiera ta' l-ewwel klassi u dawk tat-tieni klassi. Din tippermetti li l-effetti ta' varjazzjoni fl-ishma tal-biljetti ta' l-ewwel u t-tieni klassi jiġu inklużi fil-komponent tal-volum aktar milli f'dak tal-prezz.

Id-deflazzjoni tal-valuri ta' sena kurrenti bl-użu ta' indiċi ta' prezzijiet approprjati huwa ġeneralment ippreferut mill-estrapolazzjoni ta' valuri ta' sena bażi bl-użu ta' indiċi ta' volum jew kwantità (ESA 95, punt 10.32), minħabba li l-effetti ta' tibdil fil-kwalità jistgħu jiġu ikkunsidrati b' mod aħjar. Barra dan, il-prezzijiet relattivi normalment għandhom varjazzjoni iżgħar mill-kwantità relattiva, li jniedu żbalji iżgħar fil-kampjuni għall-indiċi tal-prezzijiet.

Jekk il-valuri jiġu ikkalkolati billi jintuża trattament mill-punt di vista tal-kwantità tal-prezz, din l-informazzjoni hawn taħt imniżżla dwar il-prezzijiet u l-kwantità tista' tintuża biex tiġi ikkalkolata d-data tal-prezzijiet fissi (ESA 95, punt 10.33). F'dan il-każ, iridu jsiru emendi espliċiti għal tibdil fil-kwalità.

Il-kumplament ta' l-I Parti ta' dan l-Anness tiddiskuti dawk il-prinċipji fl-ESA 95 li għalihom tinħtieġ kjarifikazzjoni.

### I.2. **Il-livell elimentarju tal-globalizzazzjoni**

It-tiqjis tal-prezzijiet u tal-volumi għandu jibda minn analiżi iddettaljata tal-prodotti għall-kategoriji differenti tat-transazzjonijiet. Għal kull prodott magħżul għal kull kategorija ta' transazzjoni, għandu jinstab indiċi tal-prezz ma' liema l-prezz kurrenti jista' jiġi iddeflazzjonat, jew inkella għandu jinstab indikatur tal-volum sabiex jiġi estrapolat valur ta' sena bażi. Fil-każ ideali, kull prodott għandu jiġi magħżul separatament, u t-tibdil pur tal-prezz u l-volum ta' dak il-prodott jista' jiġi ivvalutizzat.

Fil-prattika statistika, madankollu, huwa neċessarju li tgħaqqad flimkien il-prodotti, li jfisser li tibdil fil-prezz u fil-volum ta' prodotti differenti jrid jiġi ikkalkolat għat-tiqjis flimkien. Is-sorsi statistiċi mil-liema jiġu estratti l-indiċi tal-prezzijiet u l-indikaturi tal-volum, jistgħu jużaw metodoloġiji differenti għall-kalkoli tat-tiqjis (jiġifieri formuli differenti jew snin ta' bażi differenti). Fil-kontijiet nazzjonali, madankollu, għandha tintuża metodoloġija waħda konsistenti għall-kalkoli tat-tiqjis (għandha tiġi diskussa fis-sezzjonijiet li ġejjin). Jekk indiċi b' kalkoli ta' tiqjis differenti minn dak użat għall-kontijiet nazzjonali jiġi wżat għall-kontijiet nazzjonali, impliċitament wieħed jassumi li l-indiċi wżati huma indiċi elimentari, għaldaqstant wieħed jassumi li l-iskema tal-kalkolu tat-tiqjis mogħtija hawn taħt hija waħda irrelevanti. Imbagħad, wieħed jista' jassumi per eżempju li l-indiċi Laspeyres maħduma fuq kalkoli tat-tiqjis fissi huma ugwali ma' l-indiċi Paasche, jew ma' l-indiċi Laspeyres maħduma fuq kalkoli tat-tiqjis ta' sena ta' qabel. Huwa ċar, li l-ipotesi impliċita li l-indiċi wżati huma indiċi elimentari tapplika l-iżjed meta tiġi applikata fuq livell iddettaljat ħafna.

Għaldaqstant, aktar mhu iddettaljat l-analiżi tal-prodott, aktar hu possibli li wieħed jistenna li jkollu riżultati preċiżi Fuq livell iddettaljat wieħed jista' jassumi li l-prodotti huma aktar omoġenji, li għalhekk iniedu indiċi li huma eqreb lejn indiċi elimentari, kif ukoll lejn skemi ta' kalkoli tat-tiqjis aktar iddettaljati.

Il-livell preċiż tal-globalizzazzjoni fejn l-ipoteżi li l-indiċi wżati huma indiċi elimentari tiġi applikata fil-kontijiet nazzjonali hija magħrufa, għall-għan ta' dan it-test, bħala l-livell elimentarju tal-globalizzazzjoni. Normalment dan huwa ugwali man-numru ta' prodotti magħżula fit-twavel tal-provvisti u tal-konsum li huma wżati għall-għanijiet ta' bilanċ.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jibnu analiżi iddettaljati ta' prodotti għall-għanijiet ta' deflazzjoni. Il-livell elimentarju tal-globalizzazzjoni, għall-produzzjoni kif ukoll għall-kategoriji kollha (intermedjarji u finali) tal-konsum, għandu jkun iddettaljat mill-inqas skond il-livell tal-P60 ta' l-ESA 95, li għandu jintuża għall-preżentazzjoni tat-twavel tal-provvisti u tal-konsum lil l-Eurostat. Fit-II Parti ta' dan l-Anness (mil-lat tal-produzzjoni) ser nispeċifikaw aktar analiżi minimi għal xi kategoriji ta' prodotti li għandhom jiġu wżati fil-valutazzjoni ta' dawk il-fatturi li qegħdin jikkaġonaw id-deflazzjoni jew ta' indikaturi tal-volum.

*L-1 Prinċipju:*

*Fit-tiqjis tal-prezzijiet u tal-volumi għandu jintuża livell iddettaljat tal-globalizzazzjoni tal-prodotti. Dan il-livell ta' globalizzazzjoni, irreferut bħala l-livell elimentari tal-globalizzazzjoni, mill-inqas għandu jkun iddettaljat daqs il-livell tal-P60 ta' l-ESA 95, għall-produzzjoni kif ukoll għal kull kategoriji (intermedjarju u finali) tal-konsum.*

Fil-każ tad-derogi mogħtija fir-Regolament ta' l-ESA 95 fuq il-provvista tad-data bil-livell P60, għandha tiġi wżata l-aktar data nazzjonali iddettaljata li hija disponibbli.

### I.3. **L-għazla tal-formula ta' l-indiċi**

Wara li ġie iddefenit il-livell elimentarju tal-globalizzazzjoni, l-indiċi tal-prezzijiet u l-volumi disponibbli fuq dan il-livell għandhom jiġu ikkalkolati għat-tiqjis sabiex jiġu ottienuti miżuri ta' prezzijiet u volumi tal-kontijiet globali kollha tan-nazzjon.

Għal dan il-għan, l-ewwel għandha tintgħażel formula ta' l-indiċi. ESA 95, punti 10.62 sa 10.64, tesprimi preferenza lejn l-indiċi tal-prezzijiet u l-volumi ta' Fischer, filwaqt li l-volum ta' Laspeyres u l-indiċi tal-prezzijiet ta' Paasche jipprovdu alternattivi aċċetabbli. Fil-prattika, l-indiċi ta' Fischer fihom ħafna żvantaggi, fost dawn il-bżonn ta' data akbar, il-fatt li d-data volumetrika ma tistax tiġi magħduda, u l-ispjegazzjoni aktar difficli lill-utenti.

Għaldaqstant, fil-prattika huwa ippreferut li wieħed juża l-volum ta' Laspeyres u l-indiċi tal-prezzijiet ta' Paasche biex jgħaqqad flimkien il-miżuri tal-prezzijiet u tal-volumi derivati fil-livell elimentari tal-globalizzazzjoni.

*It-2 Prinċipju:*

*Il-miżuri volumetriċi disponibbli fil-livell elimentari tal-globalizzazzjoni għandhom jiġu magħquda flimkien permezz ta' l-użu tal-formula ta' Laspeyres sabiex jiġu ottienuti l-miżuri volumetriċi tal-kontijiet globali tan-nazzjon. Il-miżuri tal-prezzijiet disponibbli fil-livell elimentarju tal-globalizzazzjoni għandhom jiġu magħquda flimkien permezz ta' l-użu tal-formula ta' Paasche sabiex jiġi ottienuti l-miżuri tal-prezzijiet tal-kontijiet globali kollha tan-nazzjon.*

Madankollu wieħed għandu jinnota li l-ESA 95 tippermetti l-użu ta' l-indiċi ta' Fischer. Barra minn dan, għandu jiġi enfasizzat, li dan il-prinċipju ma japplikax għall-fonti ta' data fuq prezzijiet u volumi wżati fil-kontijiet nazzjonali: data li taqa' taħt il-livell elimentari tal-globalizzazzjoni m' għandhiex għalfejn tiġi ikkalkolata skond dan il-prinċipju.

## I.4. **L-għażla tas-sena bażi**

L-indiċi volumetriku ta' Laspeyres juża valuri minn sena speċifika biex jikkalkola t-tiqjis tat-tibdil volumetriku tal-komponenti tat-total. Issa hemm il-bżonn li wieħed jiddefinixxi minn liema sena jridu jiġu meħuda dawn il-kalkoli tat-tiqjis

Għal dan il-għan, l-ewwel m' għandhom jiġu iddefiniti huma t-termini sena bażi u sena ta' referenza.

Definizzjonijiet:

— is-sena bażi hija s-sena li minnha jiġu wżati l-valuri tal-prezzijiet kurrenti biex jiġu ikkalkolati għat-tiqjis il-miżuri tal-prezz u tal-volum derivati fil-livell elimentarju tal-globalizzazzjoni,

— is-sena ta' referenza hija s-sena wżata għas-sottomissjoni u għal-preżentazzjoni tad-data fissa tal-prezzijiet. F'serje ta' numri ta' l-indiċi hija s-sena li tieħu l-valur ta' 100.

Per eżempju ħalli wieħed jieħu s-serje ta' numri ta' l-indiċi li ġejjin:

| 1990 | 1991 | 1992 | 1993 | 1994 |
|---|---|---|---|---|
| 100 | 105 | 108 | 112 | 120 |

Suppost dawn in-numri ġew ikkalkolati permezz ta' kalkoli tat-tiqjis mis-sena 1990. Għaldaqstant l-1990 hija s-sena bażi. Din hija wkoll is-sena ta' referenza, minħabba li l-1990 = 100. Is-sena ta' referenza tista' faċilment tinbidel f'per eżempju 1993 (iddividi kollox b'112/100, biex tagħtik l-1993 = 100):

| 1990 | 1991 | 1992 | 1993 | 1994 |
|---|---|---|---|---|
| 100/1,12 | 105/1,12 | 108/1,12 | 112/1,12 | 120/1,12 |

Proċedura bħal din ma tibdilx is-sena bażi, minħabba li l-varjazzjonijiet bejn sena u oħra huma xorta ikkalkolati minn kalkoli tat-tiqjis mill-1990.

Minflok wieħed jieħu sena ta' bażi fissa bħal l-eżempju ta' fuq, ta' kull sena wieħed jista' jieħu l-kalkoli tat-tiqjis tas-sena ta' qabel. Dan jista' jwassal per eżempju għas-segwenti serje ta' tibdil minn sena għall-oħra:

| 1990 | 1991 | 1992 | 1993 | 1994 |
|---|---|---|---|---|
| 100 | 105 | 102 | 103 | 106 |

Għal kull wieħed minn dawn l-indiċi huwa veru li: t-1 = 100, għaldaqstant is-sena ta' referenza hija ugwali mas-sena bażi, iżda tinbidel ta' kull sena. Huwa faċilment possibli biex tesprimi din is-serje fuq sena ta' referenza waħda, permezz ta' "referenzi mtennija". Dan iwassal għal:

| 1990 | 1991 | 1992 | 1993 | 1994 |
|---|---|---|---|---|
| 100 | 105 | 107,1 | 110,3 | 116,9 |

(107,1 = 105 x 102/100; 110,3 = 107,1 x 103/100; eċċ.).

Huwa importanti li t-tibdil tas-sena ta' referenza ma jaffetwax l-indiċi ta' minn sena għal sena. Dan huwa evidenti għall-serje singolari bħal f'dan l-eżempju, iżda meta l-fattur varjabbli jikkonsisti f'aktar taqsimiet varjabbli dan ma jibqax aktar evidenti. Sabiex ir-rati kollha tat-tkabbir ta' kull fattur varjabbli minn sena għal sena ma jinbidlux meta s-sena ta' referenza tinbidel, wieħed għandu jerġa' jagħti referenza mill-ġdid lil kull fattur varjabbli, kemm jekk huwa indiċi elimentari, total parzjali jew ammont totali bħall-GDP. Il-konsegwenza hija li, fid-data fissa tal-prezzijiet ta' sena ta' referenza fissa, ser jitfaċċaw deskrepanzi bejn elementi individwali u t-total tagħhom. Din hija l-famuża problema tal-"fatturi li mhumiex addizzjonali" "Dawn id-deskrepanzi m" għandhom bl-ebda mod jiġu mneħħija (ESA 95, punt 10.67), għax dan jerġa' jwassal għat-tagħwiġ fir-rati tat-tkabbir. Ara l-eżempju fl-aħħar ta' din is-sezzjoni għal aktar kjarifikazzjoni.

L-għażla tas-sena bażi u l-għażla tas-sena ta' referenza mhumiex fil-prinċipju kwistjonijiet relatati. Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni tal-Kummisssjoni, jiġifieri l-kjarifikazzjoni tal-prinċipji ta' kif jiġu ikkalkolati l-miżuri tal-prezzijiet u tal-volum, hija biss relevanti l-problema ta' l-għażla tas-sena bażi.

Huwa ċar li, għal akbar komparabbilità ta' miżuri ta' prezzijiet u volumi bejn il-pajjiżi, il-pajjiżi għandhom jużaw l-istess sena bażi. Barra minn dan, biex wieħed jidderivi r-rati tat-tkabbir l-aktar preċiżi, għandha tintuża s-sena bażi l-aktar riċenti possibli, minħabba li f'dak il-każ huma wżati l-kalkoli tat-tiqjis l-aktar aġġornati, u tiġi mnaqqsa l-problema ta' prodotti li jiġu eliminati u ta' prodotti ġodda. F'daqqa, dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu għall-metodu ta' kif wieħed jidderivi dejjem il-kalkoli tat-tiqjis fuq is-sena ta' qabel.

*It-3 Prinċipju:*

*Il-miżuri volumetriċi derivati fil-livell elimentarju tal-globalizzazzjoni għandhom jiġu igglobalizzati permezz ta' l-użu ta' kalkoli tat-tiqjis derivati mis-sena ta' qabel.*

Jekk Stat Membru għandu perjodu tranżitorju rigward il-prinċipju 3, allura dan għandu jbiddel is-sena bażi kull ħames snin mill-1995 matul il-perjodu tranżitorju.

Eżempju: Referenzi mogħtija mill-ġdid lil ammonti globali u komponenti tagħhom

Ikkunsidra żewġ prodotti A u B, u t-total tagħhom. Assumi li dawn huma prodotti omoġenji, dan ifisser li nistgħu nid-determinaw l-indiċi tal-prezzijiet u tal-volum għal dawn il-prodotti li ma jiddependux fuq xi skema msejjsa ta' kalkoli tat-tiqjis, jiġifieri dawn huma indiċi elimentari.

Madankollu l-indiċi volumetriċi u tal-prezzijiet għat-total ta' A u B jiddependi fuq kif A u B jiġu ikkalkolati għat-tiqjis.

Fl-iskema segwenti t-tibdil fil-volum għat-total bejn T-1 u T huwa ikkalkolat għat-tiqjis permezz tal-valuri tal-prezzijiet kurrenti tas-sena T-1.

Minħabba li dawn il-kalkoli tat-tiqjis huma dawk l-aktar aġġornati dawn ir-rati tat-tkabbir huma meqjusa bħala dawk l-aktar preċiżi.

| | 1990 prezzijiet kurrenti | Tibdil fil-volum 90-91 | 1991 prezz ta' 1990 | Tibdil fil-prezzijiet 90-91 | 1991 prezzijiet kurrenti | Tibdil fil-volum 91-92 | 1992 prezz ta' 1991 | Tibdil fil-prezzijiet 91-92 | 1992 prezzijiet kurrenti | Tibdil fil-volum 92-93 | 1993 prezz ta' 1992 | Tibdil fil-prezzijiet 92-93 | 1993 prezzijiet kurrenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | 100 | 105,0 | 105 | 110,0 | 115,5 | 102,0 | 117,8 | 108,0 | 127,2 | 103,0 | 131,1 | 105,0 | 137,6 |
| B | 300 | 110,0 | 330 | 95,0 | 313,5 | 90,0 | 282,2 | 105,0 | 296,3 | 95,0 | 281,4 | 102,0 | 287,1 |
| Total | 400 | 108,8 | 435 | 98,6 | 429,0 | 93,2 | 400,0 | 105,9 | 423,5 | 97,4 | 412,5 | 103,0 | 424,7 |

Issa suppost li din id-data trid tiġi mfissra f'sena ta' referenza fissa, per eżempju l-1990. L-uniku mod ta' kif wieħed jista' jagħmel dan bla ma jgħawweġ ir-rati tat-tkabbir tat-total huwa li jagħti referenza mill-ġdid lil kull serje separatament. Fil-forma ta' l-indiċi (1990 = 100) din issir:

| | 1990 | 1991 | 1992 | 1993 |
|---|---|---|---|---|
| A | 100 | 105,0 | 107,1 | 110,3 |
| B | 100 | 110,0 | 99,0 | 94,1 |
| Total | 100 | 108,8 | 101,4 | 98,8 |

fejn 101,4 = 108,8 x 93,2/100 u 98,8 = 101,4 x 97,4/100

Fit-termini ta' volumi b' sena ta' referenza l-1990:

| | 1990 | 1991 | 1992 | 1993 |
|---|---|---|---|---|
| A | 100 | 105,0 | 107,1 | 110,3 |
| B | 300 | 330,0 | 297,0 | 282,2 |
| Total | 400 | 435,0 | 405,6 | 395,0 |
| A + B | 400 | 435,0 | 404,1 | 392,5 |

Huwa ċar li, l-għadd ta' bejn A u B m' għadux jammonta għat-total. Din hija l-famuża "problema ta' fatturi li mhux addizzjonali". Minkejja din il-problema, il-volum "korrett" għal-1993 huwa 395 u mhux 392,5, minħabba li din hija l-unika figura konsistenti mal-kalkoli preċedenti tar-rati tat-tkabbir tat-total.

Barra dan, ir-rati tat-tkabbir ta' minn sena għal sena ma jinbidlux ma' bidla tas-sena ta' referenza. Id-deskrepanzi bejn A, B u t-total tagħhom m' għandux jitneħħa, iżda jiġi spjegat lil l-utenti. Dawn id-deskrepanzi ma jistawx jiġu interpretati bħala indikazzjoni ta' kredibbilità tar-rizultati.

PARTI II

## TIQJIS TA' PREZZIJIET U VOLUMI MILL-PUNT TAL-VISTA TAL-PRODUZZJONI

### II.1. Klassifikazzjoni ta' metodi

Is-segwenti klassifikazzjoni ta' metodi ser tiġi wżata matul il-kumplament ta' dan l-Anness:

| | |
|---|---|
| Metodi A: | metodi l-aktar adattati |
| Metodi B: | dawk il-metodi li jistgħu jintużaw f'każ li metodu A ma jistax jiġi applikat |
| Metodi Ċ | dawk il-metodi li m' għandhomx jiġu wżati |

### II.2. Il-produzzjoni għas-suq u l-produzzjoni għall-fini aħħarija personali

F'din is-sezzjoni jiġu ikkunsidrati l-kalkoli għall-produzzjoni għas-suq u għall-produzzjoni għall-fini aħħarija personali. L-ewwel, huma stabbiliti xi prinċipji rigward il-metodi varjati ta' kif jiġi ikkalkolat valur miżdud ma' prezzijiet fissi. Dawn il-prinċipji jipprovdu l-kriterji ġenerali ta' kif jiġu ikklassifikati metodi ta' kalkolu fil-metodu A, B u Ċ. Madankollu dawn il-prinċipji għandhom l-ewwel jiġu applikati fuq bażi ta' prodott, prodott, għal kull tip ta' produzzjoni għas-suq, sabiex tingħata gwida speċifika fuq il-metodi li jridu jiġu applikati f'kull każ.

B' konsiderazzjoni lejn l-għazla bejn metodi b' indikaturi doppji u dawk b' indikaturi singolari, tista' tingħata l-klassifikazzjoni segwenti:

*Metodu A*: L-ESA 95 tistabbilixxi biċ-ċar (punt 10.28) li d-deflazzjoni doppja hija teoretikament il-metodu korrett, minħabba li l-valur tal-prezz kurrenti li qed jiġi magħdud huwa stmat ukoll bħala d-differenza bejn il-konsum tal-produzzjoni finali u dik intermedjarja. Fil-fatt dan l-argoment huwa veru għall-metodi kollha b' indikaturi doppji (per eżempju estrapolazzjoni tal-produzzjoni b' indikaturi tal-volum u deflazzjoni ta' konsum intermedjarju). Hemm xi ftit iżjed raġunijiet li wieħed jista' jsemmi għalfejn metodi b' indikaturi doppji huma ippreferuti:

— l-indikaturi li huma wżati huma indikaturi ta' produzzjoni jew ta' input għall-produzzjoni. Fil-metodi b' indikaturi singolari, dawn l-indikaturi huma direttament applikati mal-valur miżdud li huwa anqas addattat,

— metodi b' indikaturi doppji jagħtu valutazzjoni indipendenti tat-tibdil fil-produttività.

*Metodu B*: Fil-prattika jista' jkun neċessarju li jintużaw indikaturi singolari, minħabba, per eżempju, data insuffiċjenti fuq il-konsum intermedjarju, jew minħabba li l-kredibbilità tad-data mhux suffiċjenti.

B' ħarsa lejn kemm huma adattati l-indikaturi li ser jiġu ntużati jew fid-deflazzjoni tal-valuri tas-sena kurrenti jew fl-estrapolazzjoni tal-valuri tas-sena bażi, jistgħu jiġu wżati l-kriterji segwenti:

— il-kompletezza li biha l-indikatur ikopri l-kategorija tal-prodott. Per eżempju, jekk l-indikatur ikoprix il-prodotti kollha taħt il-kategorija jew selezzjoni biss minnhom, per eżempju jekk hux biss dawk il-prodotti mibjugħa lill-familji,

— il-bażi tal-valutazzjoni ta' l-indikatur. Għall-produzzjoni għas-suq, dawn għandhom ikunu l-prezijiet bażiċi, aktar milli, per eżempju, il-prezzijiet tal-konsumatur jew il-prezz ta' l-input,

— l-indikatur għandu jieħu in konsiderazzjoni t-tibdil fil-kwalità, u jniżżilhom fl-istimi tal-volum,

— il-konsistenza konċettwali bejn l-indikatur u l-konċetti tal-kontijiet nazzjonali.

Dawn il-kriterji jwasslu għall-konklużżjonijiet ġenerali segwenti dwar kemm l-indikaturi huma adattati, iżda, kif diġà ntqal aktar il quddiem, dawn il-konklużżjonijiet ġenerali jridu jiġu applikati fuq il-bazi ta' prodott, prodott, għal kull tip ta' produzzjoni għas-suq, sabiex jagħtu gwida speċifika fuq il-metodi li jridu jiġu wżati f'kull każ. Il-kriterji segwenti biex jiġu magħżula l-metodi A, B u Ċ huma kriterji assoluti, jiġifieri dawn ma jiddependux fuq id-disponibbiltà tad-data. Fil-prattika jista' jagħti l-każ li mhux possibli li wieħed jottieni l-metodi A, u wieħed għandu jfittex konvenzjonijiet fuq metodi B.

*Metodu A*: Mil-lat tal-produzzjoni, fil-prinċipju, l-użu ta' indiċi tal-prezzijiet tal-produzzjoni adattati, normalment irreferuti bħala l-Indiċi tal-Prezz tal-Produzzjoni (PPIs), ikun il-metodu A. Kull prodott għandu jiġi iddeflazzjonat separatament b' PPI adattat. PPI adattat jissodisfa dawn il-kriterji:

— huwa indiċi tal-prezz(ijiet) (domestiku(ċi)i u għall-esportazzjoni) ta' dak il-(grupp ta') prodott(i) eżatt,

— jieħu in konsiderazzjoni tibdil fil-kwalità tal-prodott(i),

— huwa ivvalutat fuq prezzijiet bażiċi,

— il-konċetti li hemm fil-bażi tiegħu huma konsistenti mal-konċetti tal-kontijiet nazzjonali.

Kull metodu li jista' jiġi muri bħala ekwivalenti kompletament ma' l-użu tal-PPIs jista' jiġi meqjus bħala metodu A.

*Metodu B:* Jekk mhuwiex disponibbli PPI adattat, jeżistu diversi tipi ta' indikaturi alternattivi. Per eżempju, is-segwenti normalment ikunu metodi B:

— PPI anqas adattat, per eżempju indiċi bla aġġustamenti għall-kwalità, jew li jkopru ammont izgħar jew ikbar mill-kategorija tal-prodott,

— Indiċi tal-Prezz tal-Konsumatur (CPI). L-istess tlett kriterji wżati għall-PPIs japplikaw (is-CPIs normalment iridu jiġu emendati għat-taxxi, sussidji, u marġni sabiex tiġi ottienuta valutazzjoni bi prezzijiet bażiċi), u barra dan, il-kalkolu tat-tiqjis għandu jkun adattat u l-konċetti għandhom jikkorrispondu mal-konċetti tal-kontijiet nazzjonali,

— indikaturi tal-volum tal-produzzjoni. Indikaturi tal-volum għandhom jieħdu in konsiderazzjoni t-tibdil fil-kwalità. Dan jista' jsir parzjalment billi jiġu wżati indikaturi tal-volum b' dettall suffiċjenti sabiex jittieħdu in konsiderazzjoni tibdil fl-istruttura.

Indikaturi bħal dawn ġeneralment ma jirrispettawx l-erba' kriterji mniżżla hawn fuq.

*Metodu Ċ*: L-użu ta' xi indikaturi possibli oħra, kif ser jiġi muri, normalment ikunu metodi Ċ.

— metodi ibbażati fuq l-input tal-produzzjoni (għall-użu tal-produzzjoni għas-suq),

— indikaturi sekondarji, jiġifieri indikaturi li mhumiex direttament relatati mal-produzzjoni,

— PPIs, CPIs jew indikaturi tal-volum li ma jikkorrispondu xejn mal-prodott(i) in kwistjoni, per eżempju s-CPI totali.

Indikaturi bħal dawn, ġeneralment, jaqgħu il bogħod ħafna milli jirrispettaw l-erba' kriterji, ħafna aktar mill-metodi B.

Dawn il-kriterji issa ser jiġu applikati għall-prodotti ta' kull kategorija tas-CPA imsemmija hawn taħt. Il-produzzjoni għas-suq u l-produzzjoni għal l-użu aħħari personali ser jiġu trattati flimkien. ESA 95, punt 3.49 tistabbilixxi li il-produzzjoni għal l-użu aħħari personali għandha tiġi ivvalutata fuq il-prezzijiet bażiċi ta' prodotti simili mibjugħa fis-suq'. Għaldaqstant, il-prinċipji għad-deflazzjoni tal-produzzjoni għal l-użu aħħari personali huma l-istess bħal dawk għall-produzzjoni għas-suq.

Għal kull tip ta' prodott, l-għan huwa li jiġu definiti l-metodi A, B, u Ċ. Jekk, għal ċertu tip ta' prodott, l-użu ta' PPIs adattati ma joħloqx problemi speċifiċi (jiġifieri l-metodu A huwa possibbli), il-mod ta' kif indikaturi partikolari oħrajn jirrispettaw il-kriterji mhux diskuss. Għal numru sinifikanti ta' tipi ta' prodotti għadu mhux possibli li jiġu definiti l-metodi A, B u Ċ. Dan isir mill-programm tar-riċerka. Il-programm tar-riċerka jista' jinvestiga wkoll fuq aktar titjib tal-klassifikazzjonijiet ta' dawk il-prodotti għal-liema hija mogħtija klassifikazzjoni inizjali hawn taħt.

Dan it-test jiddiskutti maġġorment il-valutazzjoni tal-produzzjoni bi prezzijiet fissi. Għall-metodi b' indikaturi doppji, huwa wkoll neċessarju li wieħed jiddeflazzjona l-konsum intermedjarju. Il-metodu ippreferut biex jiġi iddeflazzjonat il-konsum intermedjarju huwa dak ta' prodott, prodott, bl-użu ta' data ġenwina tal-prezzijiet fl-użu intermedjarju, miġbura mingħand il-konsumatur. Madankollu ħafna drabi fil-prattika dan mhux disponibbli. Għaldaqstant, il-konsum intermedjarju tal-prodotti domestiċi jista' jiġi iddeflazzjonat bl-istess mod deskritt hawn taħt għall-produzzjoni ta' dak il-prodott, b' konsiderazzjoni lejn id-differenza fil-valutazzjoni (il-konsum intermedjarju huwa ivvalutat bil-prezzijiet tal-konsumatur). Trid tittieħed attenzjoni speċjali għad-diflazzjoni tal-konsum intermedjarju tal-prodotti li jiġu importati. Barra minn dan, għandhom jiġu ikkunsidrati d-differenzi fil-prezzijiet għal utenti differenti. Eżempju ta' dan huwa l-elettriku, fejn diskriminazzjoni kbira fil-prezzijiet tista' teżisti bejn kategoriji ta' utenti differenti.

Meta tiġi ikkunsidrata l-valutazzjoni tal-konsum intermedjarju bi prezzijiet fissi, fattur importanti li jrid jittieħed in konsiderazzjoni huwa kif l-impatt ta' valutazzjonijiet mhux kredibbli tal-produzzjoni bi prezzijiet fissi, (per eżempju għal tip ta' servizz kummerċjali) jista' jiġi immitigat għal-livell tal-GDP globali bi prezzijiet fissi. Mil-lat tal-produzzjoni l-impatt ta' fatturi mhux kredibbli li qegħdin jikkawżaw deflazzjoni jew fatturi impliċiti li qegħdin jikkawżaw deflazzjoni għal xi prodotti fuq valutazzjonijiet tal-GDP bi prezzijiet fissi huwa imminimizzat jekk:

— il-kontijiet bi prezzijiet fissi huma miġbura fil-kwadru tal-provvisti u tal-konsum

— metodi b' indikaturi doppji huma wżati matul il-kontijiet kollha

— kull ħaġa mhux kredibbli li qegħda tikkawża deflazzjoni għall-produzzjoni hija wżata wkoll għad-deflazzjoni tal-konsum intermedjarju.

L-użu tat-twavel tal-provvisti u tal-konsum għall-integrazzjoni tal-valutazzjonijiet, flimkien ma' deflazzjoni doppja, għaldaqstant għandu rwol ċar sabiex jimminimizza ineżattezzi fil-livell tal-GDP globali bi prezzijiet fissi.

CPA A: *Prodotti ta' agrikoltura, kaċċa u li għandhom x' jaqsmu max-xjenza tal-foresti*

CPA B: *Ħut*

Ħafna mill-kalkoli tal-prezzijiet kurrenti ta' dawn il-prodotti huma ibbażati fuq informazzjoni tal-prezzijiet u l-kwantitajiet. Din l-informazzjoni tista' u għandha tiġi wżata biex tiġi ikkalkolata l-produzzjoni bi prezzijiet fissi. Kull fejn hu adattat l-informazzjoni dwar il-kwantità għandha tiġi emendata għat-tibdil fil-kwalità F'ċertu każijiet, huma miġbura wkoll PPIs ġenwini. Dawn il-metodi kollha huma metodi A.

CPA Ċ: *Prodotti mill-minjieri u barrieri tal-ġebel*

CPA D: *Prodotti tal-manifattura*

CPA E: *Enerġija elettrika, gass, fwar u ilma jaħraq*

Għal dawn it-tlett gruppi ta' prodotti, l-Istati Membri diġà jissottomettu ħafna PPIs lil l-Eurostat. L-użu ta' dawn il-PPIs, jekk il-kriterja hawn fuq imsemmija tiġi issodisfata, huwa l-metodu A għal dawn il-prodotti Din id-data għandha mbagħad tiġi wżata fil-kalkoli tal-prezzijiet fissi

Hemm xi problemi importanti fit-tiqjis tal-prezzijiet u tal-volumi ta' prodotti speċifiċi. Din tirrigwarda b' mod partikolari:

— kompjuters u ekwipaġġ ieħor li jipproċessa l-informazzjoni

— ekwipaġġ kbir, bħal ajruplani u vapuri.

Għal dawn il-prodotti, it-tiqjis tal-prezzijiet huwa normalment diffiċli ħafna, filwaqt li ekonomikament huma konsederevolment sinifikanti. Hemm bżonn li jiġi studjat titjib fil-proċeduri ta' dawn il-prodotti fil-programm tar-riċerka.

CPA F: *Xogħol ta' kostruzzjoni*

Għall-kostruzzjoni, it-tiqjis tal-prezz u tal-volum huwa ikkomplikat ħafna drabi, per eżempju, bil-karattru uniku ta' ħafna mill-prodotti. Il-problemi metodoloġiċi; kif tiġi ivvalutata l-produzzjoni fil-kostruzzjoni bi prezzijiet fissi trid tiġi studjata fil-programm tar-riċerka.

CPA Ġ: *Servizzi tan-negozju bl-ingrossa u bl-imnut, riparazzjoni ta' vetturi bil-mutur, motoċikletti u affarijiet għal l-użu personali jew għad-dar*

***50: Bejgħ, manutenzjoni u servizzi ta' riparazzjoni ta' vetturi bil-mutur u motoċikletti; sevizz ta' negozju bl-imnut ta' fjuwil għall-awtomotivi***

Dan il-grupp jikkonsisti f'żewg tipi ta' prodotti::

— produzzjoni ta' servizz għall-manteniment u riparazzjoni ta' vetturi bil-mutur u motoċikletti

— produzzjoni tal-marġni tan-negozju għall-bejgħ ta' vetturi bil-mutur, motoċikletti u fjuwil għall-awtomotivi.

Għall-ewwel tip ta' produzzjoni, PPIs jistgħu jkunu disponibbli, f'liema każ dawn jikkostitwixxu l-metodu A. Jekk dawn ma jkunux disponibbli, il-prodotti jistgħu jiġu iddeflazzjonati billi jintużaw CPIs (ikkoreġuti għal kwalunkwe taxxi jew sussidji), li huma metodu B, minħabba li jista' jagħti l-każ li ma tkoprix l-ispejjeż tan-negozju.

Għad-deflazzjoni tal-marġni tan-negozju l-istess proċeduri għandhom jiġu adottati kif deskritti hawn taħt għan-negozju bl-ingrossa.

***51: Negozju bl-ingrossa u servizzi tan-negozju għall-kummissjoni, barra minn dak tal-vetturi bil-mutur u tal-motoċikletti***

Il-produzzjoni prinċipali ta' dan il-grupp tikkonsisti f'marġni tan-negozju bl-ingross. Għall-produzzjoni tal-marġni jistgħu jiġu isspeċifikati r-regoli segwenti:

*Metodu A*: Il-metodu A għall-produzzjoni tal-marġni huwa metodu li jieħu in konsiderazzjoni t-tibdil fil-kwalità tas-servizzi tan-negozju. Dan jista' jsir billi l-bejgħ u x-xiri tan-negozjanti jiġi iddeflazzjonat separatament (billi jiġu ikkunsidrati sew tibdiliet fl-inventarji). Għal dan il-għan, indiċi tal-prezzijiet ta' kwalità għolja ħafna huma neċessarji.

*Metodu B*: Il-metodu B jista' jintuża bħala ipotesi li l-volum tal-marġni isegwi l-volum tal-qligħ. Dan jassumi li l-proporzjonijiet tal-marġni huma kostanti fi prezzijiet fissi.

Il-mod l-aktar sempliċi ta' kif tapplika dan huwa li testrapola l-produzzjoni tal-marġni totali permezz ta' indiċi volumetriċi tal-qligħ. Indiċi volumetriċi tal-qligħ jistgħu jiġu miksuba billi jiġi iddeflazzjonat il-qligħ permezz ta' indiċi tal-prezz tal-qligħ.

Titjib f'dan il-metodu sempliċi jista' jkun li jiġi magħdud id-dettall tal-prodott, preferibbilment billi jiġu ikkalkolati marġni fi prezzijiet fissi fil-kwadru iddettaljat tat-twavel tal-provvista u tal-konsum. Imbagħad, il-proporzjon tal-marġni fuq transazzjoni speċifika ikkalkolata f'ċerta sena bażi jista' jiġi applikat għall-volum ta' dik it-transazzjoni fis-sena kurrenti. B' dak il-mod il-volum tal-marġni qiegħed jikber mal-volum tal-fluss fil-kumdità.

Titjib ieħor fil-proċedura huwa li wieħed jieħu in konsiderazzjoni tibdil fid-direzzjonijiet tan-negozju (per eżempju l-bidla minn ħwienet żgħar tad-distrett għall-ipermerkati kbar). Dak ikun jinkludi ftit mit-tibdil ta' kwalità tas-servizzi tan-negozju fil-komponent tal-volum.

Metodi bħal dawn għandhom jiġu meqjusa bħala metodi B, minħabba li t-tibdil fil-kwalità tas-servizzi tan-negozju ma jistgħux jiġu ikkunsidrati.

*Metodu Ċ*: Kull metodu ieħor, per eżempju d-deflazzjoni tal-produzzjoni tal-marġni direttament permezz ta' indiċi tal-prezz tal-qligħ.

### *52: Servizzi tan-negozju bl-imnut, minbarra dak tal-vetturi bil-mutur u motoċikletti; riparazzjoni ta' oġġetti personali jew għad-dar*

Għall-produzzjoni tal-marġni fin-negozju bl-imnut, għandha tintuża l-istess ipotesi kif spjegata ħafif aktar il fuq għan-negozju bl-ingrossa. Il-vantaġġ hawnhekk huwa li teżisti miżura tajba ta' l-indiċi tal-prezz tal-qligħ bl-imnut: is-CPI. Sabiex jinkiseb indiċi volumetriku tal-qligħ bl-imnut ta' oġġett partikolari, jista' jiġi wżat għad-deflazzjoni l-oġġett korrispondenti fis-CPI.

Għall-produzzjoni tar-riparazzjoni ta' oġġetti personali jew għad-dar, jista' jiġi ntużat is-CPI. Minħabba li jkun hemm ftit spejjeż tan-negozju fuq dawn is-servizzi, is-CPI ikun adattat biżżejjed, u jista' jiġi ikkunsidrat bħala metodu A. Madankollu, iridu jiġu ntużati varji kategoriji tas-CPI minħabba li varji prodotti differenti huma inklużi hawn. Għaldaqstant, id-deflazzjoni hija neċessarja fuq livell iddettaljat sabiex wieħed ikun jista' japplika l-kategoriji varji tas-CPI involuti.

CPA Ħ: *Servizzi tal-lukandi u tar-ristoranti*

Il-metodu A għal-lukandi u għar-ristoranti huwa d-deflazzjoni permezz ta' PPI adattat. Fil-każ li ma jeżistix PPI, is-CPI jista' jiġi ntużat bħala approssimazzjoni. F'dan il-każ dan huwa metodu B, minħabba li l-ispejjez tan-negozju mhumiex ikkunsidrati.

CPA I: *Servizzi ta' trasport, ħżin u komunikazzjoni*

### *60, 61 u 62: Trasport fuq l-art, fuq l-ilma u fl-ajru*

It-trasport tal-passiġġiera u tal-merkanzija għandu jiġi iddefflazzjonat separatament.

Għat-transport tal-passiġġiera, il-metodu A huwa l-użu ta' PPIs adattati. Fil-każ li mhumiex disponibbli, il-metodi segwenti huma metodi B:

— deflazzjoni permezz ta' CPI sakemm tieħu b' konsiderazzjoni suffiċjenti t-tibdil fil-kwalità,

— estrapolazzjoni permezz ta' indikaturi tan-numru ta' kilometri li jagħmlu l-passiġġiera, sakemm dan l-indikatur huwa disponibbli għal numru suffiċjenti ta' kategoriji tat-trasport. Mill-inqas għandha ssir distinzzjoni bejn it-tipi differenti ta' klassijiet (per eżempju l-ewwel u t-tieni klassi fit-trasport tal-ferrovija, il-klassi turistika u dik tan-negozju fit-trasport bl-ajru, eċċ.).

Dawn il-metodi għandhom mill-inqas jiġu applikati individwalment mas-segwenti tipi ta' trasport (pubbliku), sakemm huma sinifikanti fl-Istati Membri:

— trasport permezz tal-ferrovija

— trasport ieħor fuq l-art

— trasport fuq l-ilma

— trasport bl-ajru.

Jekk mhumiex ottienuti analiżi bħal dawn, allura dawn il-metodi huma metodi Ċ. Kull metodi oħrajn (per eżempju l-użu tal-passiġġiera bħala indikatur volumetriku) huma wkoll metodi Ċ.

Għat-trasport tal-merkanzija, metodu A huwa wkoll l-użu ta' PPIs adattati. Jekk mhumiex disponibbli, allura l-metodu segwenti huwa metodu B:

— jista' wieħed jassumi li l-volum tas-servizz tat-trasport jiġi mill-volum ta' l-oġġetti ittrasportati. Għal dan il-għan, indikatur bħall-kilometri ta' tunnellati li qegħdin jiġu ittrasportati huwa adattat, għalkemm ma jistax jiġi ikkunsidrat tibdil fil-kwalità tas-servizz tat-trasport. Aktar m' hemm dettall disponibbli dwar il-kilometri tat-tunnellati ittrasportati tat-tipi differenti tat-trasport, aktar huwa tajjeb ir-riżultat.

Dan il-metodu għandu mill-inqas jiġi applikat għas-segwenti tipi ta' trasport (ta' merkanzija), sakemm huma sinifikanti fl-Istati Membri:

— trasport permezz tal-ferrovija

— transport ieħor fuq l-art

— trasport permezz ta' sensiela ta' katusi

— trasport fuq il-baħar u tal-kosta

— trasport fuq l-ilma ġewwieni

— trasport bl-ajru

Jekk analiżi bħal dawn mhumiex ottienuti, allura dawn il-metodi huma metodi Ċ. Kull metodi oħrajn (per eżempju l-użu ta' indikaturi bħat-tunnellatti li qegħdin jiġu ittrasportati) huma wkoll metodi Ċ.

Kemm għat-trasport tal-pubbliku u dak tal-merkanzija, fil-prinċipju, deflazzjoni korretta tirrikjedi data ta' prezzijiet kurrenti fl-analiżi hawn fuq imsemmija bħal ma huwa l-użin. Jekk dan id-dettall mhuwiex disponibbli fil-prezzijiet kurrenti, jistgħu jiġu wzati kalkoli oħrajn tat-tiqjis sabiex jiġu ikkalkolati għat-tiqjis l-indikaturi għal kull tipi distinti tat-trasport. Dawn il-kalkoli oħra tat-tiqjis għandhom japprossimaw mill-viċin kemm jista' jkun il-valuri kurrenti.

### *63: Servizzi tat-trasport sekondarju u dak awżiljarju; servizzi ta' l-aġenziji ta' l-ivjaġġar*

Dan il-grupp ikopri varjetà wiesgħa ta' servizzi, għaldaqstant mhuwiex possibli li wieħed jispeċifika metodu jew indikatur partikolari. Għaldaqstant, jiġi irreferut għall-klassifikazzjoni ġenerali tal-metodi u ta' l-indikaturi.

Għal l-aġenziji ta' l-ivjaġġar, l-ESA 95 tagħmel rikommandazzjonijiet speċifiċi (ara punt 10.39).

### *64: Servizzi tal-posta u tat-telekomunikazzjoni*

Huwa ikkomplikat li tivvalutizza is-servizzi tal-posta u tat-telekomunikazzjoni bi prezzijiet fissi minħabba s-sensiela ta' tipi ta' servizzi differenti u ta' tariffi iddebitati li huma ipprovduti. Għal din ir-raġuni gwida speċifika fuq il-modi ta' l-użu ta' dawn il-prodotti ser tiġi żviluppata bħala parti mill-programm tar-riċerka.

CPA J: *Servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja*

Għall-prodotti bħal servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejjla indirettament (FISIM), marġni u assigurazzjoni tas-sigurtajiet u tan-negozju ta' xiri u bejgħ ta' flus barranin, il-produzzjoni bi prezzijiet fissi hija definita bħala l-bilanċ bejn it-transazzjonijiet differenti. Għandha tiġi isspeċifikata definizzjoni u miżura ta' produzzjoni armonizzata bi prezzijiet fissi.

Kwistjoni oħra li tirrikjedi aktar konsiderazzjoni hija l-konsiderazzjoni li għandha tingħata għat-tibdil fil-kwalità tal-finanzi u fl-assigurazzjonijiet, kif inhi wkoll il-komparibbilità ta' stimi fis-servizzi finanzjarji għal-liema jiġu iddebitati prezzijiet espliċiti.

Gwidi speċifiċi fuq l-użu ta' dawn il-prodotti ser jiġu żviluppati bħala parti mill-programm tar-riċerka.

CPA K: *Servizzi immobiljarji, ta' kiri u ta' negozju*

### *Servizzi ta' abitazzjoni*

Għall-valutazzjoni tal-produzzjoni tas-servizzi ta' abitazzjoni bi prezzijiet kurrenti, l-Istati Membri kollha jridu jintroduċu l-hekk imsejjaħ metodu ta' stratifikazzjoni sabiex tiġi mkejjla l-produzzjoni għall-għanijiet tal-GNP sa l-1998 jew l-1999 ([1]).

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/309/KE, Euratom (ĠU L 186, tal-5.8.1995, p. 59) u Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/619/KE, Euratom (ĠU L 252, tas-16.9.1997, p. 33).

Essenzalment dan il-metodu huwa wieħed fejn il-produzzjoni bi prezzijiet fissi tiġi ivvalutizzata b' manjiera oġġettiva permezz ta' l-użu ta' data fuq il-kwantità u l-kwalità ta' l-abitazzjonijiet u l-prezzijiet imħalsa għal l-użu tagħhom. Għaldaqstant, b' definizzjoni, ser ikun hemm l-informazzjoni dwar il-prezz tal-produzzjoni neċessarju għad-deflazzjoni. Din l-istess informazzjoni dwar il-prezz, il-kwalità u l-kwantità għandha tintuża sabiex tipproduċi valutazzjonijiet bi prezzijiet fissi. L-applikazzjoni tat-trattament imsemmi ħafif aktar il fuq tista' tiġi deskritta bħala metodu A. Hija tagħti l-opportunità li wieħed jieħu in konsiderazzjoni t-tibdil fil-kwalità fis-servizzi ta' l-abitazzjoni.

***Servizzi oħra ta' kiri, immobiljarji u tan-negozju***

Għal dawn is-servizzi, jista' jkun diffiċli li tinġabar id-data dwar il-prezzijiet tal-produzzjoni, per eżempju, minħabba n-natura unika ta' ftit mill-prodotti. Minħabba f'dan, ħafna miżuri differenti u alternattivi tat-tibdil fil-prezz jew fil-volum, ħafna drabi miżuri indiretti jew sekondarji, jistgħu jiġu ntużati minflok.

Il-konvenjenza ta' dawn il-miżuri indiretti trid tiġi ivverifikata għal kull servizz taħt din il-kategorija. Gwida speċifika ser tiġi żviluppata bħala parti mill-programm tar-riċerka. Fil-program tar-riċerka għandha tingħata importanza speċjali lid-deflazzjoni tal-produzzjoni tas-software, li hija inkluża wkoll f'dan il-grupp ta' prodotti.

CPA M: *Servizzi ta' edukazzjoni*

CPA N: *Servizzi ta' saħħa u soċjali*

F'xi Stati Membri l-partijiet prinċipali tal-provviżżjoni tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni huma iddokumentati bħala produzzjoni għas-suq, filwaqt li f'xi oħrajn huma iddokumentati bħala produzzjoni li mhux iddestinata għas-suq. Il-metodi meħtiega sabiex wieħed jikkalkola l-produzzjoni bi prezzijiet fissi għandhom jagħtu każ tal-bżonn li wieħed għandu jasal għal statistika komparabbli għaż-żewġ gruppi ta' pajjiżi.

L-istatistika tal-prezzijiet wżata sabiex tiddeflazzjona l-produzzjoni għas-suq għandha tirrifletti l-prezz totali tal-prodott, mhux biss il-kontribuzzjoni tal-konsumatur lejn il-prezz totali jew il-prezz ta' tariffa konvenzjonali. L-istatistika tal-prezzijiet għandha tieħu in konsiderazzjoni t-tibdil fil-kwalità tal-prodotti sanitarji u edukattivi.

Gwida speċifika ta' kif għandhom jiġu applikati dawn il-prodotti, bl-użu ta' statistika tal-prezzijiet jew metodi oħrajn, ser tiġi żviluppata bħala parti mill-programm tar-riċerka. Dan il-programm ser ikopri kemm il-produzzjoni għas-suq ta' dawn is-servizzi kif ukoll, kif imsemmi hawn taħt, il-produzzjoni tagħhom li mhux iddestinata għas-suq.

CPA O: *Servizzi oħra komunitarji, soċjali u personali*

Għal dawn is-servizzi ħafna drabi d-data tal-prezz tal-produzzjoni mhux disponibbli u indikaturi alternattivi huma spiss wżati minflok. Bħal fis-saħħa u fl-edukazzjoni, jista' jkun hemm kemm produzzjoni għas-suq kif ukoll dik li mhux iddestinata għas-suq ta' ftit mill-attivitajiet taħt din il-kategorija, u metodi ta' l-istatistika jridu jagħtu każ ta' dan.

Gwida speċifika ta' kif għandhom jiġu applikati dawn il-prodotti ser tiġi żviluppata bħala parti mill-programm tar-riċerka.

CPA P: *Postijiet domestiċi privati b' persuni li huma impjegati*

Din il-produzzjoni, li hija produzzjoni għal l-użu aħħari personali, hija ivvalutizzata b' kovenzjoni bħala l-kompensa ta' l-impjegati, inkluż kull tip ta' qligħ fin-natura.

Il-metodi li jintużaw normalment biex jipproduċu l-valutazzjonijiet bi prezzijiet fissi jużaw data tas-CPI jew data tal-pagi għad-deflazzjoni, jew jużaw estrapolazzjoni volumetrika (bin-numru ta' ħaddiema bħala l-estrapolatur). Fil-prinċipju, il-fatturi li jikkaġonaw id-deflazzjoni li jiġu ntużati (data tas-CPI jew tal-pagi) għandhom jiġu ivverifikati sabiex jiġi aċċertat li dawn qegħdin jieħdu korrettament in konsiderazzjoni l-qligħ fin-natura.

Dawn il-metodi ma jieħdux in konsiderazzjoni tibdil fil-produttività, iżda din l-ommissjoni jkollha biss konsegwenzi minuri fuq il-GDP. Dawn il-metodi huma metodi B, sakemm ma jieħdux in konsiderazzjoni t-tibdil fil-produttività (f'liema każ dawn huma metodi A).

*Taxxi u sussidji fuq prodotti u importazzjoni u VAT*

L-ESA 95, punti 10.47 sa 10.52, tistabbilixxi f'dettall suffiċjenti l-prinċipji li jridu jiġu ntużati għall-valutazzjoni tat-taxxi u tas-sussidji fuq prodotti u importazzjoni u VAT bi prezzijiet fissi. Dawn il-priċipji jirrapreżentaw il-metodu A.

II.3. **Produzzjoni li mhux iddestinata għas-suq**

Kif digà msemmi aktar 'il quddiem, metodi ta' l-istatistika għat-tiqjis tal-produzzjoni bi prezzijiet fissi jridu jagħtu statistika komparabbli kemm għall-produzzjoni iddestinata għas-suq kif ukoll dik li mhux iddestinata għas-suq, partikolarment għas-servizzi bħal l-edukazzjoni u s-saħħa.

Għas-servizzi li mhux iddestinati għas-suq, il-produzzjoni bi prezzijiet fissi tista' tiġi ivvalutizzata jew bl-użu ta' indikaturi volumetriċi għall-produzzjoni jew b' metodi ta' input (per eżempju, deflazzjoni tax-xogħol jew input ieħor, jew estrapolazzjoni tal-volum tas-sena bażi ta' input tax-xogħol). Tista' teżisti xi data tal-prezzijiet li tista' tiġi wżata.

Id-distinzjoni bejn metodi A, B u Ċ għas-servizzi li mhux iddestinati għas-suq ser tiġi definita fil-programm tar-riċerka.

II.3.1. *CPA M: Edukazzjoni*

Produzzjoni edukattiva li mhux iddestinata għas-suq tista' tiġi ivvalutizzata jew bl-użu ta' indikaturi volumetriċi tal-produzzjoni jew b' metodi ta' input.

Gwida speċifika fuq il-metodi li għandhom jiġu wżati għall-valutazzjoni ta' produzzjoni edukattiva (kemm jekk permezz ta' indikaturi volumetriċi tal-produzzjoni, metodi ta' input, jew, għall-produzzjoni għas-suq, data ta' prezzijiet) ser tiġi żviluppata bħala parti mill-programm tar-riċerka. Dan il-programm ser jivverifika wkoll ir-rendikont mogħti lejn tibdil fil-kwalità.

II.3.2. *CPA N (parti): Saħħa*

Produzzjoni sanitarja li mhux iddestinata għas-suq tista' tiġi ivvalutizzata jew bl-użu ta' indikaturi volumetriċi tal-produzzjoni jew b' metodi ta' input.

Gwida speċifika fuq il-metodi li għandhom jiġu wżati għall-valutazzjoni ta' produzzjoni sanitarja (kemm jekk permezz ta' indikaturi volumetriċi tal-produzzjoni, metodi ta' input, jew, għall-produzzjoni għas-suq, data ta' prezzijiet) ser tiġi żviluppata bħala parti mill-programm tar-riċerka. Dan il-programm ser jivverifika wkoll ir-rendikont mogħti lejn tibdil fil-kwalità, li huwa ta' importanza partikolari għall-produzzjoni tas-servizz sanitarju.

II.3.3. *Produzzjoni oħra li mhux iddestinata għas-suq*

Il-produzzjonijiet l-oħrajn li mhux iddestinati għas-suq jistgħu jieħdu ħafna forom differenti. Xi wħud huma ipprovduti fuq bażi individwali (per eżempju servizzi tas-sigurtà soċjali), waqt li oħrajn huma ipprovduti fuq bażi kollettiva (per eżempju servizzi tad-difiża). Xorta waħda oħrajn jista' jkollhom element individwali u element kollettiv (per eżempju servizzi tal-pulizija -ikklassifikati taħt servizzi kollettivi b' konvenzjoni fl-ESA 95).

L-indikaturi volumetriċi tal-produzzjoni jistgħu jintużaw għall-valutazzjoni tal-produzzjoni tas-servizzi ipprovduti fuq bażi individwali, u, forsi, għal ftit mis-servizzi ipprovduti fuq bażi kollettiva. Metodi ta' input jistgħu jiġu ntużati għal dawn is-servizzi kollha. Riżultati komparabbli jinħtieġu armonizzazzjoni tal-mod kif iż-żewġ metodi jiġu applikati.

Gwida speċifika dwar il-metodi li jridu jiġu ntużati għal dawn il-prodotti (kemm jekk indikaturi volumetriċi tal-produzzjoni jew metodi ta' input) ser jiġu żviluppati bħala parti mill-programm tar-riċerka.

PARTI III

## TIQJIS TA' PREZZIJIET U VOLUMI SKOND IT-TRATTAMENT TAN-NEFQA

Mil-lat ta' l-infiq, il-GDP bi prezzijiet fissi huwa s-somma tal-konsum finali, il-formazzjoni tal-kapital gross u l-esportazzjoni netta.

B' konsiderazzjoni lejn il-konvenjenza ta' l-indikaturi ntużati jew fid-deflazzjoni tal-valuri tas-sena kurrenti jew fl-estrapolazzjoni tal-valuri tas-sena bażi mil-lat ta' l-infiq, tista' tiġi ntużata l-kriterja segwenti:

— il-kompletezza ta' kemm il-kategorija tal-prodott hija koperta bl-indikatur. Per eżempju, jekk l-indikatur ikoprix il-prodotti kollha taħt il-kategorija jew biss selezzjoni minnhom

— il-bażi tal-valutazzjoni ta' l-indikatur. Għall-konsum finali u l-formazzjoni tal-kapital gross dan għandu jkun il-prezzijiet tal-konsumaturi aktar milli, per eżempju, il-prezzijiet tal-produzzjoni

— l-indikatur għandu jieħu in konsiderazzjoni t-tibdil fil-kwalità, iniżżilhom fil-valutazzjonijiet volumetriċi aktar milli fil-valutazzjonijiet tal-prezz

— il-konsistenza konċetwali bejn il-konċetti ta' l-indikatur u l-kontijiet nazzjonali.

Dawn il-kriterji jwasslu għas-segwenti konklużjonijiet ġenerali rigward il-proċeduri tal-valutazzjoni tat-tiqjis tal-prezz u l-volum.

### Il-konsum domestiku finali

Il-konsum domestiku finali (HFC) għandu jiġi iddeflazzjonat, fejn adattat, kemm jista' jkun permezz ta' informazzjoni mis-CPI.

Wieħed jista' jgħid li s-CPI hija adattata jekk tissodisfa l-kriterji segwenti:

— hija indiċi li tkopri eżattament dak il-(grupp ta') prodott(i),

— tieħu b' mod xieraq in konsiderazzjoni tibdil fil-kwalità tal-prodott(i),

— hija ivvalutizzata bi prezzijiet tal-konsumatur inkluż il-VAT,

— il-konċetti li fuqhom hija ibbażata s-CPI jikkorrispondu ma' dawk tal-kontijiet nazzjonali.

Jekk CPI mhuwiex disponibbli għal ċertu prodott, allura indikaturi oħrajn, aktar approssimattivi, għandhom jiġu ntużati. Dawn jistgħu jkunu PPIs, indiċi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni jew ta' l-importazzjoni, jew forsi, f'ċerti ċirkostanzi, indikaturi volumetriċi. Metodi bħal dawn huma metodi B.

Metodi Ċ jinvolvu l-użu ta' indiċi li ma jikkorrispondu xejn mal-prodott(i) in kwistjoni.

### Il-konsum finali tal-Gvern (GFC) u l-konsum finali ta' l-NPISHs

Għal dawn l-aħħar kategoriji tal-konsum finali tista' tingħata l-istess osservazzjoni bħal dik għall-valutazzjoni tal-produzzjoni li mhux iddestinata għas-suq fit-trattament tal-produzzjoni (is-Sezzjoni II.3), minħabba li l-valuri ta' l-oġġetti u tas-servizzi magħmula mill-gvern ġenerali u mill-NPISHs huma komponenti prinċipali ta' dawn il-kategoriji (ESA 95, punti 3.78 sa 3.79).

Xiri ta' oġġetti u servizzi magħmula minn produtturi għas-suq mill-gvern ġenerali li huma fornuti lill-familji -bla ebda trasformazzjoni -bħala trasferimenti soċjali fin-natura, li jifformaw parti wkoll mill-konsum finali tal-gvern (ESA 95, punt 3.79), għandu jiġi iddeflazzjonat b' indiċi ta' prezzijiet adattati li jikkorrispondu ma' dawn l-oġġetti u servizzi (tas-suq).

ESA 95, punt 3.85 tiddeskrivi d-distinzjoni bejn oġġetti u servizzi individwali u kollettivi ipprovduti minn unitajiet tal-gvern. Meta din id-distinzjoni hija magħmula allura l-konċett tal-konsum finali attwali jista' faċilment jiġi derivat. Din ir-rappreżentazzjoni tal-kontijiet ma tintroduċi ebda problemi speċifiċi fir-rigward ta' valutazzjonijiet bi prezzijiet fissi.

### Il-formazzjoni tal-kapital fiss gross

Għall-formazzjoni tal-kapital fiss gross (GFCF) il-metodu A huwa l-użu ta' indiċi ġenwini tal-prezzijiet ta' investiment Indiċi bħal dan għandu jissodisfa l-kriterja segwenti:

— huwa indiċi li jkopri eżattament dak il-(grupp ta') prodott(i),

— jieħu b' mod xieraq in konsiderazzjoni tibdil fil-kwalità tal-prodott(i),

— huwa stmat bi prezzijiet tal-konsumatur inkluż il-VAT li ma tistax tiġi mnaqqsa,

— il-konċetti li fuqhom huwa ibbażat l-indiċi jikkorrispondu ma' dawk tal-kontijiet nazzjonali.

Fil-prattika ħafna drabi jiġu ntużati PPIs, li huma metodi B jekk ma jerġgħux jiġu ivvalutizzati bi prezzijiet tal-konsumatur. Għall-PPIs ta' prodotti speċifiċi, l-istess rimarki japplikaw bħal dawk magħmula f'Sezzjoni II.2, inklużi r-riferimenti għall-programm tar-riċerka.

### Tibdil fl-inventarji

Huwa importanti li l-ħażniet jiġu iddeflazzjonati speċifikament u indipendentement, u mhux jiġu ikkalkolati bħala oġġetti residwali tal-kalkoli tal-prezzijiet fissi.

ESA 95, punt 10.56 tistabbilixxi li tibdiliet fl-inventarji fi prezzijiet kostanti jistgħu jiġu ikkalkolati billi jiġu iddeflazzjonati d-dħul u l-irtirar ta' oġġetti fl-inventarji separatament permezz ta' indiċi tal-prezzijiet adattati. Meta t-tibdil volumetriku u fil-prezzijiet ta' l-inventarji ma jkunx daqshekk kbir, id-deflazzjoni diretta tat-tibdil fl-inventarji ma' indiċi medju tal-prezzijiet tas-sena tipprovdi alternattiva.

Hemm erba' tipi ta' inventarji (ESA 95, punt 3 119):

— materjali u provvisti: l-istess prinċipji jistgħu jiġu stabbiliti hawnhekk bħalma kienu stabbiliti għad-deflazzjoni ta' konsum intermedjarju fis-Sezzjoni II.2

— xogħol li għadu qiegħed isir: din il-kategorija għandha tiġi mistħarġa fil-programm tar-riċerka,

— oġġetti li huma lesti: dawn jistgħu jiġu iddeflazzjonati bl-użu ta' PPIs fuq prezzijiet bażiċi,

— oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid: dawn huma stmati bil-prezzijiet li kienu mixtrija bihom, għal-liema PPI ikun normalment indikatur tajjeb.

Il-problema ta' gwadanji miżmuma għandha wkoll tiġi mistħarġa mill-programm tar-riċerka

**Akkwisti naqqas minnhom ir-rimi ta' oġġetti ta' valur**

Din il-kategorija għandha tiġi mistħarġa fil-programm tar-riċerka.

**Esportazzjoni u importazzjoni ta' oġġetti u servizzi**

Din il-kategorija għandha tiġi mistħarġa fil-programm tar-riċerka.

*L-ANNESS II*

PERJODI TRANŻITORJI

**Perjodi Tranżitorji għall-Prinċipju Nr 3**

| Pajjiż | Sa |
|---|---|
| l-Irlanda | 2004 |
| il-Portugall | — |
| id-Danimarka | 2000 (fl-1999 is-sena bażi tkun l-1990) |
| il-Finlandja | 2005 |
| l-Olanda | — |
| l-Italja | 2003 |
| il-Ġermanja | 2005 |
| il-Belġju | — |
| ir-Renju Unit | 2003 |
| Franza | — |
| Spanja | 2003 |
| il-Greċja | — |
| l-Isvezja | — |
| il-Lussemburgu | — |
| l-Awstrija | 2005 |